MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 151/2003

Lombard Bank Malta p.l.c.
Vs
Saviour u Maria Concetta sive Connie konjugi Azzopardi

Il-Qorti,

**CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-bank attur li biha ippremetta:

Peress illi l-Bank attur permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Marco Farrugia li jgib id-data tat-tlieta u ghoxrin (23) ta’ April, elf disa’ mija sitta u disghin (1996) li kopja legali tieghu giet annessa mac-citazzjoni u mmarkata Dok A ikkonceda lill-konvenuti Saviour u Maria Concetta sive Connie Azzopardi facilita` ta’ self u in forza ta’ din il-facilita` l-imsemmija konvenuti sselfu flus minghand il-Bank attur u ghandhom debitu bilancjali komplessiv favur l-istess Bank attur ta’ tlieta u ghoxrin elf, mija u sebgha u tletin liri Maltin, u tmienja u erbghin centezmi (Lm23,137.48) skond statement anness mac-citazzjoni u

mmarkat Dok B bl-interessi kkalkolati sal-erbgha (4) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta (2003) oltre l-imghaxijiet ulterjuri mill-hamsa (5) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta (2003) sad-data tal-pagament effettiv, u ggarantew il-hlas lura ta' l-imsemmi debitu b'mod solidali permezz ta' ipoteka generali fuq hwejjighom kollha prezenti u futuri, kif ukoll b' ipoteka specjali fuq il-fond f' Birkirkara skond kif ahjar deskritt fl-imsemmi kuntratt.

U peress illi ghalkemm interpellati sabiex ihallsu dan id-debitu anke ufficjalment, il-konvenuti baqghu inadempjenti.

Il-Bank attur talab lill-Qorti, li l-konvenuti:

Jigu solidalment ikkundannati sabiex ihallsu lill-Bank attur is-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, mija u sebgha u tletin liri Maltin, u tmienja u erbghin centezmi (Lm23,137.48) skond "statement" anness mac-citazzjoni u mmarkat Dok B bl-interessi kkalkolati sal-erbgha (4) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta (2003) oltre l-imghaxijiet ulterjuri mil-hamsa (5) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta (2003) sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tas-27 ta' Gunju 2002 u bl-imghaxijiet legali mill-5 ta' Frar 2003 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Rat illi l-konvenuti gew debitament notifikati bic-citazzjoni kif jidher a fol 12 u bil-mozzjoni ta' l-appuntament kif jidher a fol 14 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba attrici a fol 16.

**KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat in-nota ta' ammissjoni tilqa' t-talba u tikkundanna solidament lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-Bank attur is-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, mija u sebgha u tletin liri Maltin, u tmienja u erbghin centezmi (Lm23,137.48) oltre l-imghaxijiet ulterjuri mill-5 ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta (2003) sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali bl-imghaxijiet legali mill-5 ta' Frar 2003 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------